MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 1031/2014

**Falcotrans Limited (C8284)**

**vs**

**Ocean & Sky Logistics Limited (C35012) u**

**O & S Shipping Limited (C60596)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ O & S Shipping Limited li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, intalbet din il-Qorti biex:

Tikkundanna u tordna lil Falcotrans Limited thallas lis-socjetà esponenti O & S Shipping Limited penali skond il-ligi in kwantu danni sofferti mill-istess O & S Shipping Limited b’rizultat tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 1876/2014 fl-ismijiet *Falcotrans Limited vs Ocean & Sky Logistics Limited u O & S Shipping Limited* u dan ai termini tal-Artikolu 836(8) u (9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta’ Falcotrans Limited li ghar-ragunijiet moghtija talbet lill-Qorti tghaddi biex tichad it-talbiet ta’ O & S Shipping Limited.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi l-Art. 836(8)(b) u (d) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili :

*"(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:*

*Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat."*

*"(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja."*

Ma ngabet lill-Qorti ebda raguni li twassalha tezercita l-kundanna ghall-penali li tipprovdi ghaliha l-ligi fil-fuq imsemmija artikolu.  Ic-cirkostanzi li zviluppaw madwar l-operat ta' grupp partikolari ta' supermarkets fil-granet li fihom inhareg il-mandat ta' sekwestru *de quo* huma notorji.  Fil-fehma tal-Qorti kienu jiggustifikaw l-urgenza li biha agixxiet Falcotrans biex tittenta tikkawtela l-pretensjonijiet taghha.

L-Art. 836(9) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili imbaghad jipprovdi illi:

*"Fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu ta' qabel dan, il-qorti tista', meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju sabiex*

*iħallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat, u f'kawżi bħal dawk il-qorti għandha tara u tuża l-iskritturi tal-proċedimenti tal-att kawtelatorju u ta' kull proċediment ieħor li joħroġ jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi għandhom jitqiesu bħala prova ammissibbli għall-finijiet ta' din l-azzjoni."*

Il-Qorti tirreferi ghad-digriet taghha moghti kameralment illum stess li permezz tieghu il-Qorti cahdet talba ta' O & S Shipping Limited ghar-revoka tas-sekwestru fil-konfront taghha.

Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-talba ta' O & S Shipping kontenuta fir-rikors taghha tal-14 ta' Novembru 2014.

L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu minn O & S Shipping Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------